**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum it-Tlieta 15 ta` Dicembru 2015**

**Kawza Nru. 9**
**Rik. Gur. Nru. 601/13 JZM**

**Carmen Seychell**
**(ID 806840M)**

***kontra***

**Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell (ID 161567M) u (ID645662M) rispettivament ; John Mary Seychell ; Josephine mart Raymond Debono ; Antoinette mart Mario Cassar ; Charles Seychell ; Mario Seychell ; Michael Seychell ; Alexandra mart Paul Spagnol ; Joan mart Reno Axisa u Jesmond Seychell, ilkoll ahwa, ulied il-mejjet Michael Seychell illi ghadda ghall-hajja l-ohra nhar it-28 ta` April 2013 (gia detentur tal-karta ta` l-identita` bin-numru 520538M)**

***u***

**b`digriet tat-8 ta` Lulju 2014 gew nominati l-Avukat Dr. Christopher Chircop LL.D u l-Prokuratur Legali Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-eredita` gjacenti ta` Michael Seychell**

**Il-Qorti :**

## I. <u>Preliminari</u>

Rat ir-rikors guramentat prezentat fil-21 ta` Gunju 2013 li jaqra hekk :–

*1. Illi r-rikorrenti Carmen Seychell kienet akkwistat fiz-zwieg taghha ma` Michael Seychell l-utile dominju tas-sit fi Triq Haz-Zabbar, iz-Zejtun, ta` ghaxart elef hames mija u disgha u tletin metri kwadri (10,539 mk) bl-isem ta` Saint Michael`s Farm, Triq Haz-Zabbar, iz-Zejtun, liema sit huwa denominat "Ta` l-Iskorra l-Kbira" u jmiss mix-xlokk ma` triq pubblika bl-isem ta` Triq Haz-Zabbar, fiz-Zejtun, mill-punent u minn nofsinhar ma` proprjeta` tal-Gvern jew irjieh verjuri, u liema sit huwa soggett ghac-cens annwu u temporanju ta` sitt mija u tliet Ewro (603) [gia Lm 258.44,7]. L-imsemmi cens temporanju beda jiddekorri nhar is-27 ta` Gunju 1979, u jintemm fis-26 ta` Gunju tas-sena 2029 ;*

*2. Illi l-intimati Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell kienu akkwistaw minghand id-Dipartiment ta` l-Artijiet id-dirett dominju fuq is-sit su citat, u li jgib l-isem ta` St. Michael`s Farm, Triq Haz-Zabbar, iz-Zejtun ;*

*3. Illi permezz ta` skrittura privata ossia konvenju datat 28 ta` Jannar 2013, l-intimati Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell, flimkien u in solidum bejniethom, kienu obbligaw irwiehhom illi jbieghu lir-rikorrenti u lil zewgha Michael Seychell :*

- *Id-dirett dominju b`cens annwu ta` erba` mija, tmienja u hamsin Ewro u tlettax-il centezmu (458.13), ghaz-zmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-26 ta` Gunju 2029, jew cens iehor verjuri, u s-sussegwenti assoluta proprjeta` tal-parti tas-sit, immarkat bl-ahmar fuq il-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u datata 16 ta` Jannar 2013 ;*

- *Id-dirett dominju b`cens annwu ta` sitta u ghoxrin Ewro u disgha u tmenin centezmu (26.89) ghaz-zmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-26 ta` Gunju 2029,jew cens iehor verjuri, u s-sussegwenti assoluta proprjeta` tal-parti tas-sit immarkat bl-ahdar fuq il-pjanata redatta mill-Perit Tancred Mifsud u datata 16 ta` Jannar 2013 ;*

- *Id-dirett dominju b`cens annwu ta` wiehed u tletin Ewro u sittin centezmu (31.60) ghaz-zmien li fadal mill-perjodu li jintemm fis-26 ta` Gunju 2029, jew cens iehor verjuri, u sussegwenti assoluta proprjeta` tal-parti tas-sit, immarkat bl-isfar fuq il-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u datata 16 ta` Jannar 2013 ;*

- *Illi fuq l-istess konvenju, r-rikorrenti u zewgha kienu obbligaw irwiehhom illi jittrasferixxu b`titolu ta` bejgh lill-intimati l-utile dominju temporanju ta` parti mis-sit tal-kejl ta` circa mitejn u tletin punt hamsa metri kwadri (230.5mk) u liema parti kienet immarkata blu fuq il-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u datata 16 ta` Jannar 2013 ;*

*4. Il-partijiet fuq l-imsemmi konvenju tat-28 ta` Jannar 2013 kienu obbligaw irwiehom illi flimkien u in solidum jersqu sabiex jikkuntrattaw att ta` rexissjoni ta` zewg kuntratti li saru bejniethom fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius, wiehed datat 25 ta` Awwissu 2004 u l-iehor datat 5 ta` Dicembru 2005, u liema kuntratti kienu jittrattaw il-partijiet ta` l-utile dominju mmarkati bl-ahdar u bl-isfar fil-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u annessa mal-istess konvenju ;*

*5. Illi fuq l-imsemmi konvenju, l-intimati Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell kienu taw il-fakolta` lill-esponenti u lil zewgha Michael Seychell illi jigu sostitwiti minn terzi fuq l-att finali ta` kompro-vendita ;*

*6. Illi nhar it-28 ta` April 2013, Michael Seychell ghadda ghal hajja ohra. Minn ricerki testamentarji illi saru kemm fir-Registru Pubbliku kif ukoll fil-Qorti Civili Gurisdizzjoni Volontarja, irrizulta illi d-decuius miet intestat ;*

*7. Illi ai termini tal-Kap. XVI tal-Ligijiet ta` Malta; ir-rikorrenti wirtet nofs indiviz ta` nofs indiviz ta` zewgha filwaqt illi d-disa` uliedha wirtu r-rimanenti nofs indiviz tad-decuius ;*

*8. Illi isegwi li r-rikorrenti giet proprjetarja ta` tliet kwarti indivizi ta` l-utile dominju temporanju mertu tal-konvenju, filwaqt illi d-disat uliedha intimati huma proprjetarji ta` kwart indiviz, u cioe r-rikorrenti ghandha sebgha u ghoxrin minn sitta u tletin (27/36) ta` l-utile dominju temporanju, filwaqt illi kull wiehed mill-intimati uliedha ghandu wiehed minn sitta u tletin indiviz ta` l-utile dominju (1/36) ;*

*9. Illi l-intimati kollha baqghu inadempjenti wkoll wara li gew debitament interpellati mill-esponenti sabiex fit-terminu pattwit jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att notarili opportun ghal tali trasferiment.*

*Jghidu ghalhekk l-intimati, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi, ghaliex m`ghandhiex din il-Qorti tiddeciedi billi :*

*1. Tikkundanna lill-intimati kollha sabiex in ezekuzzjoni tal-konvenju surreferit l-intimati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta` bejgh u trasferiment lill-esponenti mill-istess intimati tad-dirett dominju deskritt fil-konvenju tat-28 ta` Jannar 2013, tas-sit li jgib l-isem ta` St. Michael`s Farm, fi Triq Haz-Zabbar iz-Zejtun, u dana fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Qorti tistabbilixxi taht dawk il-provedimenti li l-istess Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.*

*2. Tikkundanna lill-intimati Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell sabiex jersqu ghall-kuntratt ta` rexissjoni ta` zewg kuntratti li kienu saru bejnhom u bejn ir-rikorrenti u zewgha fl-atti tan-Nutar Dr. Antoine Agius, wiehed datat 25 ta` Awwissu 2004 u l-iehor datat 5 ta` Dicembru 2005, u liema kuntratti kienu jittrattaw il-partijiet ta` l-utile dominju mill-istess sit immarkati bl-ahdar u bl-isfar fil-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u annessa ma` l-istess konvenju, u bid-deskrizzjonijiet moghtija fl-istess konvenju.*

*3. Tikkundanna lill-intimati eredi ta` Michael Seychell sabiex jersqu ghall-kuntratt ta` bejgh ma` l-intimati ta` l-utile dominju temporanju ta` parti mis-sit tal-kejl ta` circa mitejn u tletin punt hamsa metri kwadri (230.5 m.k) u liema parti kienet immarkata blu fuq il-pjanta redatta mill-Perit Tancred Mifsud u datata 16 ta` Jannar 2013, u bid-deskrezzjoni moghtija fl-istess konvenju.*

*4. Tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-att notarili relattiv fil-jum, lok u hin li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u kuraturi sabiex occorrendo jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att.*

*5. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali interpellatorja fl-ismijiet premessi. L-intimati minn issa ngunti ghas-subizzjoni u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe drittijiet ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fir-rigward tal-imsemmi konvenju.*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-attrici u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-rikors guramentat.

Rat illi wara talba tal-attrici, b`digriet tat-8 ta` Lulju 2014, din il-Qorti diversament presjeduta hatret lill-Av. Dr. Christopher Chircop u lill-P.L. Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eredita` gjacenti ta` Michael Seychell.

Rat ir-risposta guramentata li pprezenta Carmelo sive Charles Seychell fis-7 ta` Ottubru 2014 li taqra hekk :–

*1. Illi in kwantu din il-kawza giet istitwita kontra l-eccipjent qua eredi ta` missieru Michael Seychell li miet fit-28 ta` April 2013 huwa m`huwiex il-legittimu kontradittur peress illi ma kienx accetta l-eredita` ta` missieru u fil-fatt b`nota prezentata fit-3 ta` Settembru 2013 kien irrinunzja ghas-successjoni "ab intestato" ta` l-imsemmi missieru Michael Seychell (Ara Dok. "SM1" hawn unit).*

*2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet tar-rikorrenti ma ghandhom bla ebda mod jaffettwaw il-proprjeta` ta` dik il-bicca art tal-kejl circa erba mija u hamsa u tmenin metri kwadri (485 m²) formanti parti mill-art "Tal-Iskorra l-Kbira", limiti taz-Zejtun, fi triq gdida bla isem taghti ghal Zabbar Road, u tmiss mil-lvant mal-imsemmija triq gdida bla isem, mit-tramuntana ma` beni ta` Michael Seychell u mill-punent ma` beni tal-Gvern ta` Malta, liema art huwa kien akkwista minghand l-istess genituri tieghu Michael u Carmen (ir-rikorrenti) konjugi Seychell in forza ta` kuntratt ta` donazzjoni rrevokabbli tas-26 ta` April 2000, in atti Nutar Dottor Antoine Agius, u liema art tifforma parti mill-porzjoni diviza ta` l-art in kustjoni (Ara Dok. "SM2" hawn unit).*

*3. Illi l-esponent mhuwiex "au courant" taz-zewg kuntratti datati l-25 ta` Awwissu 2004 u l-5 ta` Dicembru 2005 li ma gewx, izda li ghandhom, jigu prezentati in atti u jkunu debitament innotifikati.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Carmelo Seychell, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat in-nota li pprezentat l-attrici fl-10 ta` Ottubru 2014 li permezz taghha cediet l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti Josephine mart Raymond Debono, Antoinette mart Raymond Cassar, Charles Seychell, Mario Seychell, Michael Seychell, Joan mart Reno Axisa, u Alexandra mart Paul Spagnol, ulied il-mejjet Michael Seychell, stante li dawn ilkoll irrinunzjaw ghall-wirt tal-istess Michael Seychell. Fl-istess waqt l-attrici zammet ferma l-azzjoni taghha kontra l-konvenuti : 1) Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell bhala direttarji tal-fond in kwistjoni ; 2) l-istess Jesmond Seychell bhala eredi ta` Michael Seychell ; u 3) John Mary Seychell bhala eredi ta` Michael Seychell (ara wkoll il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2014 a fol 64).

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tas-16 ta` Ottubru 2014 fejn wara li rat in-nota ta` cessjoni ta` l-attrici, astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza limitatament fil-konfront tal-konvenuti Josephine mart Raymond Debono, Antoinette mart Raymond Cassar, Charles Seychell, Mario Seychell, Michael Seychell, Joan mart Reno Axisa, u Alexandra mart Paul Spagnol.

Rat illi ghalkemm il-konvenut John Mary Seychell kien debitament notifikat skond il-ligi bir-rikors guramentat, huwa ghazel illi ma jipprezentax risposta guramentata.

Rat ir-risposta guramentata li pprezentaw il-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell fl-<u>20 ta` Mejju 2015</u> li taqra hekk :–

*1. Illi preliminarjament l-esponenti jeccepixxu d-dezerzjoni tal-azzjoni attrici ai termini tal-Artikolu 963 et seq tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta, stante li ghalkemm din il-kawza ilha pprezentata mill-21 ta` Gunju 2013, l-atti ghadhom sa llum ma gewx notifikati lill-partijiet kollha fil-kawza inkluz l-esponenti u tali nuqqas ma huwa mputabbli lil hadd ghajr lill-attrici.*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom bl-ispejjez kontra l-istess attrici in kwantu kuntrarjament ghal dak allegat fil-premessi attrici, kienet u ghadha l-attrici l-persuna li ma hijiex f`posizzjoni li twettaq l-obbligi assunti minnha u mid-defunt zewgha Michael Seychell fil-konvenju ffirmat bejn il-partijiet. Konsegwentement il-konvenju li abbazi tieghu qieghda tressaq din l-azzjoni l-attrici llum huwa bla validita` fil-ligi.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jissussistu ragunijiet validi fil-ligi li minhabba fihom, it-trasferiment prospettat fil-konvenju mertu ta` din il-kawza ma jistax isir u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori ta` dawn il-proceduri.*

*4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent Jesmond Seychell jiddikjara li permezz ta` att tal-1 ta` Awwissu 2013, in atti Nutar Dr. Ann Bugeja huwa rrinunzja ghall-eredita` ta` missieru Michael Seychell filwaqt li rriserva d-dritt ta` sehmu mis-sehem riservat.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni u b`riserva ta` kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-esponenti fil-ligi.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta` l-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell, il-lista tax-xhieda ndikati minnhom, u l-elenku ta` dokumenti esebiti mar-risposta guramentata.

Rat illi fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015 il-Qorti tat direzzjoni lill-partijiet sabiex jittrattaw l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell.

Semghet is-sottomissjonijiet bil-fomm li ghamlu d-difensuri dwar l-imsemmija eccezzjoni fl-udjenza tat-13 ta` Ottubru 2015.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

Bis-sentenza tal-lum, qeghda tkun deciza l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell, fejn kienet eccepita d-dezerzjoni tal-azzjoni attrici skond l-Art 963 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta, billi ghalkemm il-kawza kienet ipprezentata sa mill-21 ta` Gunju 2013, l-atti kien ghadhom mhux notifikati lill-partijiet kollha, minhabba nuqqas imputabbli lill-attrici.

L-**<u>Art 963 tal-Kap 12</u>** jaqra :-

*(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3) u tal-artikoli 416 u 420, il-proċedura bil-miktub, f`kull kawża, għandha tiġi magħluqa, fil-qorti tal-ewwel grad, fiż-żmien perentorju ta` sitt xhur, u, fil-qorti fi grad ta` appell, fiż-żmien perentorju ta` sena.*

*(2) Fil-qorti tal-ewwel grad, iż-żmien jibda għaddej minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors ġuramentat, u, fil-qorti fi grad ta` appell, minn dak in-nhar tal-preżentata tar-rikors tal-appell għat-tħassir jew tibdil tas-sentenza appellata.*

*(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f`kawża m`humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha*

*xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista` jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f'xi nuqqas ta` notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta` twettiq ta` xi proċedura jew formalità.*

*(3A) Id-deżerzjoni ta` kawża għandha tiġi dikjarata b`digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux.*

*(4) B`dak kollu li hu miġjub fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub għandhom jitqiesu magħluqa kemm-il darba l-parti, li ma tkunx ġiet innotifikata b`att meħtieġ għall-egħluq tal-proċess, tidher waqt is-smigħ tal-kawża u ma tagħtix l-eċċezzjoni li l-proċeduri bil-miktub ma ġewx magħluqa u tgħaddi jew xjentement tħalli lil ħaddieħor jgħaddi għal atti oħra bla ma tagħti dik l-eċċezzjoni.*

*(5) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 732(2), kawża, li l-proċeduri bil-miktub tagħha ma jiġux magħluqa, minkejja l-ordnijiet mogħtija mill-Qorti skont is-subartikolu (3), fiż-żmien hawn fuq imsemmi :*

*(a) meta l-kawża tkun quddiem qorti tal-ewwel grad, din għandha titqies bħala kawża li tkun tqegħdet fuq il-lista ta` kawżi għas-smigħ u li sussegwentement b`ordni tal-qorti, tkun tħalliet għal data mhux speċifikata, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli 964 sa 967 għandhom ikunu japplikaw għaliha ; u*

*(b) meta l-kawża tkun quddiem qorti tat-tieni grad, din għandha titqies bħala kawża deżerta.*

*(6) Bid-deżerzjoni ta` kawża fil-qorti tal-ewwel grad il-proċediment jispiċċa iżda ma jispiċċax il-jedd għall-azzjoni. Fil-qorti fi grad ta` appell, bid-deżerzjoni jispiċċa l-appell, u s-sentenza appellata ssir ġudikat.*

Fil-kawza "**Mary Zammit et vs Paul Camilleri pro et noe**" li kienet deciza fis-16 ta` Marzu 2012 minn din il-Qorti (**PA/AE**) kien trattat dak li jipprovdi l-Art 963(3) tal-Kap 12. Hemm il-Qorti tat digriet skond l-Art 963(3) tal-Kap 12 izda ma tressqitx prova li l-attrici kienet giet notifikata b`dak id-digriet. Ghalhekk il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tad-dezerzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Fil-kawza "**Sandro Scerri vs Simon Darmanin**" li kienet deciza fis-7 ta` Ottubru 2014, din il-Qorti (**PA/AF**) cahdet l-eccezzjoni skond l-Art 963(3) tal-Kap 12 billi ma kienux inghataw l-ordnijiet li tirreferi ghalihom id-disposizzjoni. Jinghad :-

*F'sentenza ricentissima (27 ta` Gunju 2014) (Pavia vs Camilleri) il-Qorti tal-Appell ezaminat il-gurisprudenza precedenti fil-materja ta` dezerzjoni u sahqet fuq ir-rekwizit tas-subartiklu (3) tal-Art. 963 li testwalment jipprovdi illi …*

*F`dak il-kaz, l-Ewwel Qorti qalet illi billi l-ordnijiet li kellha taghti l-Qorti skond dan l-artikolu ma nghatawx, il-kawza ma tistax titqies dezerta.*

*Il-Qorti tal-Appell kompliet billi rriteniet illi :*

*"L-appellant jghid, li b`din l-interpretazzjoni, kawzi ma jistghu qatt jaqghu dezerti jekk mhux in segwitu li l-Qorti tkun tat dawk l-ordnijiet kif kontemplat fid-disposizzjoni in dizamina. Din il-Qorti tghid li, fil-fatt, hekk hu."*

*Fil-kaz in ezami ma jirrizultax illi tul id-diversi snin li damet ma giet notifikata l-kawza lill-intimat l-Qorti pprocediet ai termini tal-fuq imsemmi artikolu tal-ligi.*

Din il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza "**Mary Zammit et vs Charles Vella noe**" li kienet esebita mill-konvenuti konjugi Seychell bhala Dok FG2 a fol 98. Hemm jinghad illi l-principju li ghandu janima lill-gudikant huwa dak ritenut mill-Qrati illi l-istitut ta` d-dezerzjoni huwa intenzjonat biss sabiex jippenalizza lil min ikun abbuza mill-proceduri quddiem il-Qorti, meta ma jimxix bil-ghaqal u ma jaghmilx dak li ghandu jaghmel fi zmien ragonevoli, izda certament ma sarx sabiex jorbot idejn il-Qorti fl-appuntamenti tal-kawzi, u lanqas sabiex jippenalizza lill-attur minhabba l-htigijiet amministrattivi tal-Qorti.

Dan premess, din il-Qorti tghid illi mill-atti tal-kawza, jirrizulta :-

a) Illi fl-udjenza tas-17 ta` Novembru 2014, il-kawza kienet differita ghall-informazzjoni ulterjuri billi l-atti kienu ghadhom mhux regolarizzati ghal dak li jirrigwarda n-notifiki u r-rinunzji ta` l-eredita` ta` Michael Seychell ;

b) Illi fis-16 ta` Frar 2015, il-konvenuti konjugi Seychell pprezentaw rikors fejn talbu lill-Qorti sabiex tiffissa terminu ta` xahar sabiex l-attrici tersaq ghall-att finali tal-bejgh u trasferiment, u fin-nuqqas il-kawza tithalla *sine die* jew tigi kancellata minn fuq il-listi. Dan ir-rikors kien ipprezentat meta l-istess konjugi Seychell kienu ghadhom ma gewx notifikati <u>ufficjalment</u> bir-rikors promotur ghalkemm huwa evidenti li kienu jaf bil-presentata tar-rikors guramentat ;

c) Illi fl-udjenza tal-kawza tad-19 ta` Frar 2015, deher ukoll l-Av. Franco Galea, u sar verbal fis-sens li kien hemm qbil bejn il-partijiet, illi jekk t-talba ta` l-konvenut John Mary Seychell ghar-rinunzja tal-wirt ta` Michael Seychell tkun milqugha, ma jkunx fadal xkiel sabiex isir il-kuntratt bejn l-attrici u l-konvenuti konjugi Seychell ; ghalhekk fis-sostanza jkun ifisser li ma jkunx hemm iktar skop ghall-kawza ;

d) Illi fl-udjenza tal-24 ta` Marzu 2015, Av. Franco Galea rega` deher minkejja li ufficjalment il-partijiet minnu rapprezentanti u cioe` l-konvenuti konjugi Seychell kienu ghadhom mhux notifikati. Fl-istess udjenza, il-Qorti ghamlitha cara *inter alia* illi kienet qeghda taghti lill-partijiet l-ahhar opportunita` sabiex jiccaraw il-pozizzjoni taghhom, u li kienet qeghda tistenna li kull parti li kienet ghadha fil-kawza, u li kienet ghadha mhijiex notifikata, tkun notifikata skond il-ligi, sabiex il-kawza tkun tista` timxi ;

e) Illi fl-udjenza tal-20 ta` Mejju 2015, il-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell ipprezentaw risposta guramentata ;

f) Illi l-ghada fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015, Av. Franco Galea ddikjara li kien qieghed jaghti ruhu b`notifikat ghall-assistiti tieghu kemm bir-rikors guramentat kif ukoll bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Minn dan il-kwadru ta` fatti jirrizulta illi minkejja li ma kinux ufficjalment notifikati, il-konvenuti Jesmond u Maria Theresa Seychell kienu jafu bil-kawza tant li l-legali taghhom deher ghall-udjenzi anke qabel kienu notifikati. Ipprezentaw atti fil-kawza anke qabel kienu ufficjalment notifikati ; kif ukoll taw awtorita` lill-legali taghhom sabiex ghan-nom taghhom jaghti ruhu b`notifikat ghalihom bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Il-Qorti hadet konjizzjoni ta` dak li kien rilevat mill-avukat difensur tal-attrici fl-istadju tas-sottomissjonijiet finali dwar din l-ewwel eccezzjoni, meta sostniet li peress li l-attrici kienet tara lill-konvenuti jippartecipaw fil-kawza ghad illi ma kinux notifikati ufficjalment bir-rikors guramentat, hija qieset li l-konvenuti kienu gew notifikati.

Minn ezami tal-atti jirrizulta bhala fatt illi l-konvenuti konjugi Seychell ma gewx notifikati hlief fis-seduta tal-21 ta` Mejju 2015 meta l-avukat taghhom ta ruhu b`notifikat ghalihom bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza. Bhala fatt ukoll ma jirrizultax li wara li fis-seduta tal-24 ta` Marzu 2015 din il-Qorti tat ordni sabiex isiru n-notifiki, l-attrici hadet il-briga sabiex taghmel in-notifiki.

Tajjeb illi jigi rilevat li fl-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015, u cioe` dik li giet ezatt wara l-udjenza tal-24 ta` Marzu 2015, bil-fatt illi l-avukat tal-konjugi Seychell ta ruhu b`notifikat ghalihom bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza, l-istess konvenuti ppruvaw jiffacilitaw il-kors tal-kawza. Madankollu l-attrici baqghet inadempjenti mhux biss mad-direzzjoni tal-Qorti izda anke ma` dak li trid il-ligi ghaliex jirrizulta illi ghalkemm bid-digriet tat-8 ta` Lulju 2014, saret il-hatra tal-Av. Dr. Christopher Chircop u tal-P.L. Katrina Zammit Cuomo bhala kuraturi deputati biec jirrapprezenta l-eredita` gjacenti ta` Michael

Seychell (fol 46), il-kuraturi deputati baqghu mhux notifikati bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza (ara fol 48). Dan kollu jfisser illi sal-udjenza tal-21 ta` Mejju 2015 baqghet ma saritx in-notifika tal-atti lill-konvenuti kollha.

Ghal din il-Qorti, il-fatt illi l-kuraturi deputati ma gewx notifikati, kif jidher manifest mill-atti, huwa nuqqas imputabbli lill-attrici. Jekk il-konvenuti konjugi Seychell segwew il-kors tal-kawza permezz tal-avukat taghhom ghad li ma kienux ghadhom notifikati, l-attrici ma tistax testendi dak l-argument ghall-kuraturi deputati ghaliex dawn baqghu mhux edotti bil-kawza, ma dehru ghal ebda udjenza, propju ghaliex, kif jirrizulta mill-atti, wara t-8 ta` Lulju 2014, l-attrici baqghet ma nnotifikatx lill-kuraturi deputati bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smigh tal-kawza.

Bl-imgieba taghha, l-attrici tikkostringi lill-Qorti sabiex tapplika kontra taghha d-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw l-istitut tad-dezerzjoni ghaliex kien unikament tort tal-attrici illi l-procedura tan-notifika gabet il-kawza ghal waqfien. Ghaldaqstant billi jirrizulta li l-proceduri bil-miktub tal-kawza baqghu ma nghalqux fiz-zmien perentorju ta` sitt, nonostante l-ordni li tat din il-Qorti stess fl-24 ta` Marzu 2015, tant li sal-lum jirrizulta li l-kuraturi deputati ghadhom mhux notifikati, il-Qorti qeghda tiddikjara dezerta l-azzjoni attrici.

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi, filwaqt illi qeghda tilqa` l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Jesmond u Maria Theresa konjugi Seychell, qeghda tiddikjara dezerta l-azzjoni tal-attrici ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. Tordna lill-attrici sabiex thallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**